MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 95/2005

Joseph Sultana u martu Mary Sultana .

Vs

Joseph Sultana u martu Josephine Sultana .

Il-Qorti ;

Rati ċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi ppremettew :

Illi l-atturi silfu lill-konvenuti Joseph u Josephine konjuġi Sultana l-ammont ta' sitt elef u ħames mitt lira maltija (Lm6,500) bi skrittura tas-16 ta' Settembru 2004 (dok . B anness) ;

Illi din is-somma kellha tintradd lura mhux aktar tard minn xahar wara dik id-data, b'dan illi f'każ ta' morożita kellhom awtomatikament jiddekorru l-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8 %) fis-sena fuq dan l-ammont .

Illi dawn l-interessi, b'effett sat-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru 2005 jammontaw erba' mija u sebgħa u sebgħin lira maltija u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm477.26c) .

Illi dan id-debitu hu wieħed ċert likwidu u dovut u sa fejn jafu l-atturi l-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni xi jqajmu għat-talba illi dan il-kreditu tagħhom jitħallas .
Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizazzjoni u Proċedura Civili ;

2. Tikkundannakom sabiex tħallsu lill-atturi s-somma ta' sitt elef u ħames mitt lira maltija (Lm6500) flimkien mal-interessi relattivi b'effett mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru 2005 sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż kontra tagħkom .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa intom inġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Sultana .

Rat ukoll l-affidavit anness ma' l-istess dikjarazzjoni, ikkonfermat ukoll bil-ġurament minn l-istess Joseph Sultana .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess ċitazzjoni, u ċioe' skrittura illi permezz tagħha l-konvenuti ddikjaraw li huma debituri fil-konfront ta' l-atturi għal l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni .

Semgħet lill-konvenut Joseph Sultana preżenti fl-awla llum stess jammetti t-talbiet kif dedotti .

Il-Qorti għal hekk in vista ta' din l-ammissjoni, wara li rat ukoll il-verbal ta' l-atturi magħmul seduta stante, tiddeċidi

l-kawża billi tilqa' l-istess talba attriċi, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni, u ċioe' s-somma ta' sitt elef u ħames mitt lira maltija (Lm6500) flimkien ma' l-interessi relattivi b'effett mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru elfejn u ħamsa (2005), sad-data tal-pagament effettiv, b'dana illi l-konvenuti qegħdin jingħataw sa l-aħħar ta' Marzu 2006 sabiex jagħmlu dan il-pagament dovut, bil-kundizzjoni pero' illi din is-sentenza tista' tiġi reġistrata b'effett immedjat fir-reġistru pubbliku .

L-ispejjeż ikunu kollha a karigu tal-konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------